MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Avviz Numru. 479/2003

**Pierre Vella Petroni f'ismu personali u bhala direttur tas-socjeta' KNK Air Conditioners Co Ltd**

**vs**

**Anthony Scerri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut talli naqas milli jesegwixxi xoghol ta' nstallazzjoni ta' aluminium fl-intier tieghu gewwa Mystique Flats, St. Paul's Street, Naxxar, skond il-ftehim ta' bejnithom u ghalhekk jigi dikjarat xolt l-istess ftehim u jigi kkundannat ihallas lill-attur pro et noe dawk id-danni sofferti minnu bhala konsegwenzsa ta' inadempjenza tieghu, kid jistghu jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz ghas-smiegh, inkluz dawk l-ittri nterpellatorji tad-29 ta' Ottubru, 2001, 14 ta' Novembru,

2001, 8 ta' Jannar, 2002, u 9 ta' Frar, 2003, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza gie dikjarat li d-danni soferti ma jeccedux is-somma ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600).

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Rat in-nota ta' l-attur pro et noe li permezz taghha ddikjara illi hu ghandu jiehu l-ammont komplessiv ta' tmien mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm849) minghand il-konvenut, liema ammont jirraprezenta s-somma tad-danni likwidati sofferti minnu pro et noe.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Marzu, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, fl-ammont ta' tmien mija u disgha u erghin lira Maltin (Lm849), bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------